Minuti tat-tmien (08/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tlieta 02 ta' Lulju 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sinjorina Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |
| Skużat: | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |

1. Approvazzjoni ta' minuti –
   06/7 (27 ta' Mejju 2013);
   07/7 (03 ta' Ġunju 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' Tender:-
   a. Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana
   b. Tender03/2013 – Contract Manager - Perit

5. Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti:-
   a. Kuntratt02/6 – Cleaning and clearing of non urban roads (għeluq it-tlett snin)
   b. Kuntratt08/2012 – refuse collection (tiġdid it-tieni sena)
   c. Kuntratt10/2012 – Road works in Gudja (tiġdid it-tieni sena)
   d. Kuntratt11/2012 – Patching works in Gudja (tiġdid it-tieni sena)

6. Xogħlijiet u Progress:-
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna

7. UIF - Ġnien Raymond Caruana

8. Expression of Interest:-
   a. exp004/2013 Suitable Equipment for live streaming of Local Council meetings.

9. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju – 2013

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-Laqgħa bdiet fis-6.15pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi huwa kien irċeiva komunikat eletroniku mingħand il-Viċi-Sindku s-Sur Romeo Baldacchino illi minħabba raġunijiet personali u familjari huwa ma setax jattendi u għalhekk kien qed jitlob li jiġi skużat.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li l-Viċi-Sindku R. Baldacchino għandu jiġi skużat u għal fini tar-rassenja/remunerazjzoni għandu ukoll jitqies li jkun entitolat għall-istess remunerazjzoni daqs li kieku attenda għal din il-laqgħa.

**1. *<u>Approvazzjoni ta' minuti – 06/7 (27 ta' Mejju 2013); 07/7 (03 ta' Ġunju 2013)</u>***

1.1 Peress li dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill approva dawn il-minuti nem con.

1.2 Affarijiet li tqajjmu mill-minuti 07/7 (03 ta' Ġunju 2013)

1.2.1 Xogħol fi Triq il-Kbira – kuntrattur Mario Spiteri

Il-Kunsill ġie infurmat illi l-Perit tal-Kunsill William Lewis, kiteb lis-Sur Mario Spiteri dwar in-nuqqasijiet fix-xogħol tal-bankina fi Triq il-Kbira u fejn ukoll infurmah li jekk dawn in-nuqqasijit ma kienux sejrin jiġu msewwija b'mod immedjat u b'urġenza, il-Kunsill kien sejjer iqabbad kuntrattur ieħor sabiex jagħmel dak meħtieġ bi spejjeż għall-istess kuntrattur Mario Spiteri.

**2. *<u>Kommunikazzjonijiet</u>***

2.1.0 Sindku

2.1.1 Tabelli ta' one-way fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Glormu Cassar u kantuniera ma' Triq il-Fidwa (ħruġ biss). Is-Sindku informa illi l-Kunsill kien rċieva l-approvazzjoni ta' TM sabiex issiru dawn it-tabelli u għalhekk fil-ġranet li ġejjin sejjer jara li dawn it-tabelli jitwaħħlu kif approvati mit-TM.

Is-Sindku fakkar li TM kienet approvat li din il-parti tat-Triq il-Kbira issir one way fuq talba tal-Kunsill u li TM approvat dan bi prova.

2.1.2 Ħtieġa ta' mirja f'postijiet pubbliċi:- a. Triq il-Palazz ma' Trejqet il-Barunissa u b. żewġ mirja fi Triq Ħal Tarxien.

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru mirja sabiex jiġi evitat periklu tat-traffiku kif indikat hawn fuq. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-sindku.

2.1.3 Sinjali tal-parking fi Vjal it-Torri (6.34m minn nofs il-line sal-parking bay).

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru dawn il-parking bays sabiex ikun hemm aktar ordni fil-parking. Il-Kunsill qabel ma' dan u iddeċieda li kull talba dwar il-parking bays għandha tiġi riferuta lit-TM u li l-Kunsill jaġixxi wara li jirċievi l-approvazzjoni tat-TM.

2.1.4 Filata ġebel fi Triq il-Palazz (fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ). Is-Sindku qal li qed ikun hemm ħafna ilmenti li l-ħamrija qed tinżel fit-triq u għalhekk għandha issir filata ġebel u b'hekk isservi ta' ilqugħ u ma jkunx hemm tixrid tal-ħamrija. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

2.1.5 Ġbir ta' fondi mill-Local Enforcement System (LES). Is-Sindku qal li sar arranġamenti sabiex fondi taċ-ċitazzjonijet li kineu ħarġu mill-Kumitat Konġunt taż-Żejtun (waqt li l-Kunsill Lokali Il-Gudja kien għadu jifforma parti minn dan il-Kumitat Konġunt) jinġabru mill-Kunsill Lokali Il-Gudja b'mod dirett u li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż relattivi dwar l-amministrazzjoni.

2.1.6 Rikonoxximent għal nies li għamlu ġieħ lill-isem tal-Gudja. Is-Sindku qal li għal Jum il-Gudja tkun ħaġa f'posta li tingħata tifkira u rikonixximent lill dawn il-persuni:-

a. Daniel Zahra
b. Samwel Cali
c. Fiorella Marie Sodowski

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku

Is-Sindku qal ukoll illi tkun ħaġa ta' interess jekk tiġi organizzata attivita/spettaklu li fiha jieħu sehem Daniel Zahra għaliex din tiġbed in-ies u tista ukoll tkun attivita li fiha jinġabru fondi għal skopjiet filantropiċi.

Saret diskussjoni u qam dubju kemm din l-attivita hija parti mill-ħidma tal-Kunsill u intwera dubju ukoll kemm din hija possibli li jinġabru xi fondi peress li tista tinvolvi ħafna spejjeż.

F'dan ir-rigward il-pożizzjoni tal-Kunsill hija li għad fadal ħafna tagħrif li għandu jinkiseb qabel ma' l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jieħu xi forma ta' deċiżjoni.

2.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Premjazzjoni mill-GreenPak.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi-Sindku Romeo Baldacchino talbu sabiex jinforma lill-Kunsill illi saret premjazzjoni mill-Greenpak fejn il-Kunsill Lokali Il-Gudja ingħata l-premju tal-aħjar titjib fir-riċiklaġġ għas-sena 2013 u ingħata ukoll voucher ta' €1000.00 sabiex jintuża bħala promozzjoni u b'mod effettiv sabiex joktor l-importanza tar-riċiklaġġ tal-iskart ġewwa il-Gudja.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Youth in Action Program – program dwar tradizjonijiet rurali. Is-Sur Sammut spjega kif kien ilu jaħdem dwar dan il-program sabiex iż-żgħażagħ tal-Gudja ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dan it-tip ta' programm bl-anqas spiża possibli u bil-finanzjament maġġur ta' fondi Ewropej.

Is-Sur Sammut qal li dan il-programm sejjer issir bejn it-08 u s-16 t'Awwissu 2013 ġewwa Jihlava, fir-Repubblika Ċeka.

Il-Kunsill sejjer joħroġ l-ispiża tal-ivjaġġar tal-Youth Leader u li kull parteċipant iħallas €100. L-ispejjeż oħra (ħlief għal xi spejjeż żgħar) sejrin jiġu finanzjati minn fondi Ewropej dwar dan il-programm.

ii. Sports – Aerobics. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi l-KMS bidlu l-instructor tal-Aerobics u għalhekk issa l-istess instructor tal-Pilates qegħda ukoll tmexxi l-kors tal-Aerobics. B'hekk il-programm issa reġa għan-normal u fuq il-ħinijiet stabbiliti.

iii. Programm ta' attivitajiet sportivi għall-ġranet tas-Sajf. Is-Sur Sammut qal li kien qed jaħdem sabiex jittella dan il-programm u aktar informazzjoni sejra tingħata matul laqgħat oħra tal-Kunsill.

b. Demelsa Grech

i. Life Long Learning Centre – Taħdidiet dwar is-Saħħa. Ms. Grech infurmat lill-Kunsill illi t-taħdidiet dwar is-saħħa jinsabu mexjin sewwa u filwaqt li qed ikunu ta' interess l-attendenza qegħda tkun tajba ħafna.

ii. Proġett tal-Homework club – applikazzjoni dwar finanzjament mill-Gal Xlokk. Ms Grech infurmat lill-Kunsill illi saret applikazzjoni sabiex issir il-Homework Club għas-sena 2013/2014 ġewwa l-iSkola Primarja tal-Gudja. F'dan il-Homework Club barra li tingħata għajnuna lill-istudenti sabiex ilestu l-homework sejrin ukoll ikun hemm tagħlim u tagħrif lill-ġenituri u nanniet li qed irabbu jew jieħdu ħsieb tfal tat-tfal dwar trobbija u edukazzjoni sabiex ikollhom ħajja aħjar. Sejrin ukoll jigu inklużi tagħlim kif iweħed għandu juża tajjeb il-kompjuter kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi.

iii. Laqgħa mal-MEUSAC – Ms. Grech infurmat lill-Kunsill illi nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2013 sejra ikollha (flimkien mas-SE) laqgħa mal-Kap tal-MEUSAC dwar l-għajnuna li jista jikseb il-Kunsill sabiex jinkisbu fondi li jiffinanzjaw proġett ta' fejda għall-Kunsill.

iv. Kors tat-TCTC. Ms. Grech qalet li hija kellha taħdidiet mas-Sur Ray Abela tat-TCTC dwar il-possibilita li bi prezz ta' €1150 l-Kunsill jista' jipparteċipa fi programm ta' tagħlim tal-kompjuter matul ix-xitwa 2013 sas-Sjaf 2014 li fih ikunu jistgħu jieħdu sehem anzjani, żgħażagħ bejn il-10 u l-15-il sena kif ukoll tfal (i kids). Dan il-kors jingħata ġewwa il-Gudja. Il-Prezz ta' €1150 jinkludi ukoll il-lezzjonijiet li ingħataw lil ftit tfal matul is-Sajf 2012. Sejjer ukoll ikun hemm ħlas ta' €10.00 bħala registration fee minn kull parteċipant u dan jinkludi l-pen drive u n-noti tal-kors.

c. Stefan Caruana

i. Is-Sur Caruana qal li fl-24 ta' Ġunju 2013 huwa akkompanja delegazzjoni minn diversi pajjiżi ta' nies li għandhom interess fl-arti, kultura u krejattivita li ġew ġewwa Il-Gudja sabiex jaraw dak li toffri il-gudja f'dawn l-oqsma. Is-Sur Caruana qal li dan il-grupp kellhom serata ta' tejatru fil-miftuħ u mużika u li veru ħarġu sodisfatti b'dak li għandha x'toffri il-Gudja f'diversi oqsma tal-kultura, storja u arti. Is-Sur Caruana qal li f'isem dan il-grupp xtaq li jirringrazzja il-Kunsill għall-ospitalita li offra u wera x-xewqa li jkun hemm aktar ħidma ko-ordinata u konġunta sabiex dan it-tip ta' turiżmu joktor aktar u li minnu jkunu jistgħu igawdu aktar ir-residenti kollha tal-Gudja.

ii. Proġett mal-MTA: Discovering Malta and Gozo its People and Culture. Is-Sur Caruana qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħa sehem f 'din l-attivita li saret fis-27 ta' Ġunju 2013 u li fiha ħadu sehem personalitajiet distinti fil-qasam tat-turiżmu bħala ma' hija l-Malta Hotels and Restaurants Association(MHRA) u diversi personalitajiet oħra fejn fost oħrajn intwera dawn li jistgħu joffri l-irħula Maltin fosthom il-Gudja li ħadu sehem f'dan il-proġett. Kien hemm interess minn dawk preżenti u ġie stabbilit il-punt illi l-media għandha tkun ta' aktar għajnuna sabiex tipromwovi l-attivitajiet tal-Kunsilli fl-oqsma diversi ta' kultura, arti u storja lokali sabiex b'hekk jikber il-prodott turistiku u li l-attivitajiet tal-Kunsill f'dawn l-oqsma jkollhom aktar suċċess speċjalmetn dwar l-attendenza tagħhom għaliex b'hekk ikun hemm aktar inkoraġament li jiġu organizzati dawn l-attivitajiet li jkun ukoll jistgħu ikattru t-turiżmu f'zoni barra l-postijet prinċpali li għandhom ukoll potenzjal kbir x'joffru lit-turist.

iii. Proġett Pilota – l-Erba' Staġuni – Kultura u Turiżmu Sostenibbli – Il-Gudja għandha x'toffri. Programm kulturali madwar il-Gudja mit-08 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru 2013. Is-Sur Caruana ta' tagħrif dettaljat ta' dan il-programm u stqarr li tkun ħaġa tajba li meta jiġi varat dan il-programm tkun l-okkażjopni li ssir taħt awspiċi ta' Dr. Jose Herrera li huwa s-Segretarju Parlamentari għal Kultura u l-Gvern Lokali. Il-Kunsil qabel ma' dan u talab sabiex isiru stediniet fofmali lis-Segretarju Parlamentari Dr. Jose Herrera kif ukoll lis-Sur Carmel Abela – Direttur tal-Gvern Lokali bħala mistiedna distinti għal dan il-programm.

Il-programm l-Erba' Staġuni mit-08 ta' Lulju 2013 sal-15 ta' Settembru 2013 huwa kif jidher fid-dokument 'B' ma' dawn il-minuti.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Caruana u qabel ukoll li għal din l-okkażjoni Triq R. Caruana tkun magħluqa għat-traffiku, tinkiseb l-assistenza tal-Pulizija, jinxtraw stands sabiex b'mod permanenti juru l-postijiet ta' importanza fil-Gudja u li għal waqt din l-attivita l-Kunsill iħallas għall-ilma u frott għal parteċipanti tal-kids cycling session – academy tar-roti.

iv. J Challenge Youth Village Il-Gudja. 29 t'Awwissu sal-01 ta' Settembru 2013. Is-Sur Caruana qa li kienu qed issiru preparament sabiex ġewwa Il-Gudja jittella dan il-programm għat-tieni sena konsekuttiva u li sejrin ikunu hemm jipparteċipaw fid-diversi oqsma kemm żgħażagħ mill-Gudja kif ukoll dawk barra mill-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkollu kollaborazzjoni f'dan il-programm ta' attvitajeit għaliex dan ikompli jagħti gieħ lill-Gudja u li jipprovdi faċilitajiet dwar l-indafa, dwar l-ordni pubblika u toilets kif ikun meħtieġ.

2.3 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li rċevejna u ittra li ntbagħtu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 3. ***Rapporti***

3.1 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti u ġie infurmat dwar l-azzjonijiet meħuda bil-għan li dawn l-ilmenti jiġu solvuti fl-aqsar żmein possibli u fejn meħtieġ issir pressjoni fuq l-Awtoritajiet kompetenti sabiex dawn ikomplu jaħdmu mal-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti kollha tal-Gudja.

## 4. ***Aġġudikazzjoni ta' Tender***

4.1 Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana

Il-Kunsill qabel li din it-tema għandha tiġi posposta għal laqgħa oħra meta jkun jista' jattendi l-Viċi-Sindku is-Sur Baldacchino peress li din it-tema hija fid-dekasteru tiegħu.

4.2 Tender03/2013 – Contract Manager – Perit

Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva żewġ offerti kif hawn taħt indikati:-

a. Med Design Associates Ltd
b. Perit Joe Grech A & CE

Il-Kunsill qabel li tinkiseb aktar informazzjoni u spjegazzjoni mingħand kull offerti sabiex tittieħed deċiżjoni fl-laqgħa oħra tal-Kunsill meta l-Kunsill ikollu

quddiemu dik l-informazzjoni u spjegazzjoni li juru liema tkun l-aħjar offerta u vantaġġjuża għal Kunsill.

## 5. ***Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti***

5.1 Kuntratt02/6 – Cleaning and clearing of non urban roads (għeluq it-tlett snin)

Is-Sindku wera l-fehma li dan ix-xogħol ikun jista ssir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi din it-tema għandha tiġi diskussa meta jkun preżenti l-Viċi Sindku s-Sur R. Baldacchino peress li l-ambjent huwa fid-dekasteru tas-Sur Baldacchino.

5.2 Kuntratt08/2012 – refuse collection (tiġdid it-tieni sena)

Saret diskussjoni dwar il-performance ta' dan il-kuntrattur u l-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi mġedded għat-tieni sena konsekuttiva ma' Jonathan Zammit.

5.3 Kuntratt10/2012 – Road works in Gudja (tiġdid it-tieni sena)

Saret diskussjoni dwar il-perforance ta' dan il-kuntrattur u l-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi mġedded għat-tieni sena konsekuttiv ma' Philip Agius & Sons Ltd.

5.4 Kuntratt11/2012 – Patching works in Gudja (tiġdid it-tieni sena)

Saret diskussjoni dwar kif qed jaħdem il-Kunsill f'dan il-qasam u l-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi mġedded għat-tieni sena konsekuttiva ma' Gordon Ellul.

## 6. ***Xogħlijiet u Progress:-***

6.1 Triq il-Kbira

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-problema tad-drenaġġ u dwar kif il-WSC qed teżamina din il-problema li fil-preżent qed tibblokka lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu.

Il-Kunsill qabel li għandha issir kull pressjoni ma kull min huwa konċeernat sabiex ix-xogħol kollu meħtieġ jitkompla u jiltesta fl-aqsar żmein peress li dalwaqt jaslu l-festi ta' Santa Marija fil-15 t'Awwissu u li din it-triq hija part importanti f'din il-festa u r-residenti ma għandhomx ikollhom inkonvenjent speċjalment fil-ġranet tal-festa.

6.2 Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna

Dwar toroq oħra il-Kunsill qabel li dawn għandhom jibqgħu jissemmew fuq l-agenda tal-Kunsill peress li kollha jinsabu fil-programm ta' xogħlijiet tal-Kunsill.

**7. *UIF - Ġnien Raymond Caruana***

7.1 Il-Kunsill qabel li din it-tema għandha tiġi diskussa meta jkun preżenti l-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino peress li din it-tema hija fid-dekasteru tiegħu.

**8. *Expression of Interest:-***

***a. exp004/2013 Suitable Equipment for live streaming of Local Council meetings.***

8.1 Il-Kunsill qabel li jkompli jikseb informazzjoni dwar l-offerta ta' Correct Termination Ltd.

Il-Kunsill qabel ukoll li jagħmel il-preparazzjoni meħtieġa sabiex japplika għal fondi meta toħroġ is-sejħa dwar dawn il-fondi peress li x-xogħol ta' live streaming tifforma parti mill-policy uffiċjali tal-ħidma tal-Gvern Lokali.

**9. *Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju – 2013***

9.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar id-dettaljli ta' dan il-program kif jidher f'dawn il-minuti 'Dok A'.

9.2 Is-Sindku stieden lill-kunsilliera kollha sabiex jieħdu sehem f 'dawn l-attivitajiet u li jħeġġu lin-nies sabiex jieħdu sehem u jipparteċipaw b'mod dirett sabiex b'hekk il-Kunsill ikun qed jilħaqq l-għanjiet tiegħu fit-twettieq ta' dan il-programm f'ġieħ il-Gudja u residenti tagħha.

Il-Kunsill approva s-somma ta' €2,000.00 dwar in-nefqa ta' l-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2013 kif murija fil-programm.

**10. *Finanzi***

10.1 Petty Cash

Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €60.66 għax-xahar ta' Mejju 2013.

10.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2013 għas-somma ta' €30578.28 ġiet approvata wara li ġew imwieġba xi mistqosijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

10.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

10.3.1 Il-Kunsill approva xogħlijiet u materjal kif indikati f'dawn il-minuti u li wara li toħroġ il-works order tal-Kunsill dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jiġi mwettqa

u jiġu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tal-ħlas rispettiv fuq l-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill.

10.3.2 Il-Kunsill approva li jsiru ħofor bil-għatu tagħhom sabiex jiżdiedu l-postijiet fejn jiġu mżejna waqt il-festi li jiġu ċċelebrati ġewwa Il-Gudja.

10.3.3 Il-Kunsill approva li jinxtara l-ġebel sabiex isservi ta' ilqugħ ta' ħamrija f'diversi partijiet pubbliċi ġewwa Il-Gudja għaliex qed jiġi rrapurtat li hemm inħawi fejn il-ħamrija tiskula fit-triq u b'hekk ikun hemm telf ta' ħamrija u ħsara għall-ambjent.

10.3.4 Mutur sabiex jinqata l-ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani. Il-Kunsill qabel li din it-talba tiġi ikkonsiderata meta jkun preżenti l-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino peress li din it-tema taqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

10.3.5 Il-Kunsill approva illi sabiex tinżamm l-indafa pubblika waqt il-kunċert 'Hometown Glory Adele (tribute from UK)' il-Kunsill sejjer jordna u iħallas għal sitt mobile toilets kif ukoll għal indafa wara l-kunċert.

## 11. ***<u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>***

11.1 Gabbani għal jiem tal-festa ta' Santa Marija fil-Gudja. Il-Kunsill qabel illi l-applikazzjonijiet jiftħu xahar qabel il-festa.

Jekk ikun hemm aktar minn żewġ applikazzjonijiet dawn għandhom jitellgħu fil-polza.

Residenti tal-Gudja li jkunu jridu jwaqfu kiosk għal jum il-festa għandhom jiġu preferuti.

11.2 Apparat ta' periklu fil-playing fields ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li dan l-apparat għandu jinqala minn kull fejn jinstab.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-kuntrattur li jieħu x-xogħol tal-playing field ta' Ġnien R. Caruana għandu ukoll jgħin lill-Kunsill sabiex jimmantjeni l-playing fields ta' ġewwa Il-Gudja sabiex dawn jinżammu kif ikun meħtieġ u jidgawdew aħjar mir-residenti tal-Gudja.

### *Aġġornament*

Peress li t-temi kollha fuq l-agenda ġew eżawriti s-Sindku aġġorna l-laqgħa fid-8.45p.m. għal l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2013 fuq agenda li tiġi iċċirkulata għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Tista tissejjaħ laqgħa b'urġenza għal data oħra kif ikun hemm bżonn.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku